

# ĠRAJJA F'MALTA TA' 75 SENA ILU

## Is-Sehem tal-President u l-Banda ta' Bormla fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913 mill-Kan. Prep. Joseph Bonello

Il-Kungress ta' l-1913 kien ġrajja f'Malta li m' għandha tintesa qatt. L-entużjażmu tal-poplu Malti kien enormi, u kienet okkażjoni sabiħa biex Malta turi t-twemmin tagħha u mħabbitha lejn l-Ewkaristija. Il-Kungress ta' Malta - l-21 wieħed - sar wara dak ta' Vjenna. Kien unur kbir għaċ-ċkejkna Malta. Kienu ġew ħames Kardinali u madwar 60 Isqof. Fost l-Ingliżi li ġew kien hawn id-Duka u d-Dukessa ta' Norfolk, u fost it-Taljani kien hawn Padre Gemelli, it-tabib illi kkonverta f'Lourdes, u li wara waqqaf il-famuża Universita' Kattolika ta' Milan.

### IL-KARDINAL LEGAT TAL-PAPA

Il-Kardinal Legat tal-Papa għall-Kungress kien DOMENICO FERRATA, li kien ġie Bormla fl-1905 għall-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Kor. Kien hu stess li poġġa l-famuża kuruna fost l-applaws Bormliż fil-25 ta' Ġunju 1905. Mal-Kardinal ġew Malta l-Monsinjur Carinci (ħabib intimu tal-Kanonku tagħna Dun Giuseppe Mizzi Agius) u Mons. Federico TEDESCHINI, li wara sar Kardinal, u li reġa' ġie Bormla fl-1955 biex iqiegħed l-Istellarju madwar ir-ras ta' l-Immakulata.

Il-Kardinal Ferrata, ftit wara l-Kungress, laħaq SEGRETARJU TA' L-ISTAT TAL-VATIKAN - l-ogħla kariga wara dik tal-Papa. Miet fid-9 ta' Ottubru 1914.

Fil-kungress ġie mogħti lill-Kardinal Ferrata kalċi stupend u artistiku, li kien ta' l-Isqof Casolani. Dan il-kalċi, l-istess Kardinal irregalah lill-Bażilika ta' San Giovanni in Laterano f'Ruma.

### DR. ĠAN FELIĊE INGLOTT

Fi żmien il-Kungress, il-president tal-Banda San Ġorġ kien il-famuż tabib Ġan Feliċe Inglott, Bormliż magħruf ma' Malta kollha, bħala bniedem ta' l-affarijiet tiegħu. Fi żmien il-kolera ta' mitt sena ilu (1887), Inglott kien it-Tabib Distrettwali ta' Ħaż-Żabbar (D.M.O.), fejn b'sagrifiċċju kbir kien idur mal-morda fi djarhom u fl-isptar lejl u nhar. Inħatar kemm -il darba rappreżentant fil-Kunsill tal-Gvern, u miet f'Lulju 1919, jirrappreżenta lir-raba' distrett, jiġifieri il-Birgu, Bormla, Ħaż-

Zabbar u l-Kalkara. Il-gazzetta "MALTA" ta' l-14 ta' Lulju 1919, fil-mewt tat-tabib Inglott kitbet: "HE WAS EVER READY TO HELP THOSE WHO WERE IN NEED."

Dr. Inglott kellu sehem kbir fil-Kungress ta' l-1913, għaliex huwa kien membru fil-Kumitat Eżekuttiv, imwaqqaf mill-Isqof Pace.

L-idea li l-Kungress isir f'Malta kienet sabiħa, iżda kienet iġġib għalina ħafna diffikultajiet. L-organizzazzjoni ta' Kungressi bħal dawn kienet titlob esperjenza li aħna ma kellniex. Għalhekk kien meħtieġ organizzazzjoni tajba; twaqqaf bla telf ta' żmien Kumitat Eżekuttiv, magħmul minn 13 -il membru, magħżula mill-aħjar nies ta' Malta. Inglott kien membru attiv ħafna u l-President ta' dan il-kumitat kien l-Isqof Portelli O.P. Dan il-Kumitat Eżekuttiv ħadem b'ħila kbira biex il-Kungress jirnexxi u ċ-ċkejkna Malta tagħna tagħti risposta lil dawk li ma ridux li l-Kungress isir hawn. Dr. Inglott ħadem kemm felaħ għat-twettiq eżatt u mill-aħjar tal-programm u ħa sehem ukoll f'diversi sotto-kumitati oħra. Tant li xi gazzetti faħħru ħafna s-sehem tiegħu biex kollox jirnexxi.

Waqt il-Kungress f'diversi każini u Knejjes saru diskorsi dwar l-Ewkaristija. Il-Kumitat Eżekuttiv ħass il-bżonn li jgħallem iktar lill-poplu li Ġesu' Ostja għandu jkun iċ-Ċentru tal-ħajja tagħna. Għalhekk ġew Malta oraturi famużi ta' fama internazzjonali biex jagħtu Konferenzi; intgħażlu wkoll Maltin magħrufa biex imorru fil-Parroċċi tagħna u jkellmu lill-poplu tagħna. Fost l-oraturi magħżula kien hemm il-President tal-Banda San Ġorġ, għax Dr. Inglott, barra li kien tabib maħbub minn kulħadd, kien ukoll oratur gwapp.

Fost oraturi Maltin ta' min isemmi lil Dr. Arturo Mercieca, Dr. A. Galea, Mons. Luigi Farrugia, Patri Cuschieri u oħrajn. Dr. Gan Feliċe Inglott għamel diversi konferenzi, imma l-aqwa diskors tiegħu kien dak dwar "IL-VJATKU". Jien għandi t-test stampat kollu ta' dan id-diskors; fih juri verament kemm kien nisrani konvint u kemm kien jemmen tabilħaqq fl-Ewkaristija. Kien wieħed mill-isbaħ diskorsi tal-Kungress; mhux ta' b'xejn ħtieġlu kontiwament jieqaf minħabba ċ-ċapċip qawwi u twil minn dawk kollha preżenti.

## IL-KUNGRESS F'BORMLA

Il-knisja tagħna għall-Kungress kienet armata bħal fil-festa tal-Kunċizzjoni. Sar ukoll xi armar fit-toroq ta' Bormla. Il-Kapitlu xtaq ħafna li jerġa' jġib il-Kardinal Ferrata biex iqaddes fil-Parroċċa, iżda kien kollu ta' xejn. L-organiżżaturi ħasbuha xort'oħra; qalu li aħna l-Bormliżi lill-kardinal Ferrata gawdejnieh biżżejjed fl-1905. Ferrata xtaq jiġi, iżda l-kumitat tal-Kungress ma riedx.

Iżda xorta waħda l-Kapitlu u l-Banda tagħna ħadu sehem attiv ħafna f'diversi attivitajiet tal-Kungress, fosthom fil-Purċissjoni ta' l-aħħar li fiha ħadu sehem 5 Kardinali, 66 Isqof, 500 qassis u 2,000 fratell. Il-Kapitlu ta' Bormla mexa wara l-Kapitlu tan-Nadur u qabel il-Kapitlu tal-Birgu.

Ta' Min igħid li fil-Kungress, Mons. Rousset, Isqof ta' Reggio, wieħed mill-Isqfijiet li ġew Malta, kien alloġġjat fil-Kunvent ta' Santa Tereża. Dan qaddes quddiesa Pontifikali fil-Kolleġġjata tagħna fis-27 ta' April 1913, fejn kienu preżenti l-bandisti u s-soċji tal-Banda San Ġorġ. Wara, l-istess Isqof żar il-Każin u minn hemm ġie

akkumpanjat b'marċi sbieħ sal-Kunvent ta' Santa Tereża fejn għamel kelmtejn ta' ħajr li wieġeb għalihom il-President Dr. Ġ. Feliċe Inglott.

## L-EGĦLUQ

Is-sehem kbir li l-President u l-Banda San Ġorġ taw fil-Kungress Internazzjonali Ewkaristiku ta' l-1913, juri biċ-ċar kemm il-Presidenti tal-Banda tagħna dejjem kienu nies magħrufa mhux biss qalb il-Bormliżi, iżda ma' Malta kollha. Juri wkoll kemm il-Banda kienet popolari f'Malta, u li dejjem tat is-sehem tagħha fi ġrajjiet importanti li saru fil-Gżira tagħna.



**'Il-Kumitat Eżekuttiv imwaqqaf mill-Isqof Pace biex jorganizza l-Kungress ta l-1913. Dr. Ġ. E. Felice Inglott, President tal-banda, jidher in-naħa tax-xellug fuq nett.'**

SGC STORES
SELF-SERVICE
TELEPHONE 821904
San Gwann T'Ghuxa Cospicua



Ritratt tal-Bandisti Ġodda li tgħallmu taħt **is-Surmast Carm. Vella u l-Asst. Surmast W. Abbott.**

Wara mix-xellug:-

Edward Santillo (Kurunetta), Andrew Copperstone (Kurunetta)

James Callus (Kurunetta), Anton Galea (Tambur)

Quddiem mix-xellug:-

Antione Vella (Sax. Sopran), William Abbott (Asst. Surmast) is-Sinjorina Marvic Grech (Klarinett).

Is-Surmast kien indispost.


COSTA

MEN'S FASHION

Republic Street, Valletta,
Malta